**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (42)

Fil-kitba tal-ġimgħa l-oħra, laqqajtkom ma' Karmenu Sammut (ta' Kalanċ) mill-Belt, u kif qalilna huwa stess, matul il-karriera tiegħu bħala qaddief, qadef ma' tliet distretti - Marsamxett, ir-Raħal Ġdid, u l-Marsa. Spiċċa ma' pajjiżu (Marsamxett) u għin ħafna lil sħabu biex jorganizzaw id-distrett mill-ġdid biex jibda jipparteċipa fir-Regatta Nazzjonali. Illum se nkomplu b'din l-intervista:

*X'taħseb li hi r-raġuni li Marsamxett mar lura daqshekk fir-Regatta?*

"… jien naħseb li meta l-qaddiefa tagħna ma baqgħux jitħarrġu f'Marsamxett il-partitarji ddispjaċihom u naqas ħafna s-sapport.

"Barra minn hekk il-Beltin illum iħobbu l-football u jissaportaw bil-kbir lit-team Belti, u bla dubju ta' xejn ħafna minnhom jagħżlu l-football mir-Regatta għaliex f'din id-dixxplina sportiva aħna fost il-kbar.

"Barra minn hekk, kif taf, f'dawn l-aħħar 20 sena u aktar ukoll, Marsamxett rebħet bosta paljijiet, iżda d-dilettanti naqsu ħafna – qabel konna nimlew il-mollijiet tal-Belt u nqajmu briju kbir, illum ftit jinżlu jaraw ir-Regatta.

"Wara li waqaft mill-qdif jien bqajt ngħin fil-kumitat, iżda meta bdejt nara ħafna ndħil żejjed tlaqt mill-kumitat.

"Jiddispjaċini ngħid li fil-preżent naqsu l-qaddiefa, u għalhekk id-distrett mar lura. Kif għidtlek, meta d-dgħajjes niżlu f'xatt il-Belt u qegħdin jitħarrġu fil-port minflok f'Marsamxett, il-dilettanti Beltin tilfu l-interess fir-Regatta."

*Qed issemmi t-taħriġ tal-provi, fi żmienek, meta kont taqdef ma' Marsamxett kontu tidħlu fil-port biex tieħdu t-triq?*

"Fi żmieni konna l-ewwel nitħarrġu qrib il-Boathouse, imbagħad fl-aħħar konna nidħlu fil-port biex nieħdu t-triq.

"Iżda meta kont ma' clubs oħra (Marsa u Raħal Ġdid), konna nieħdu t-triq tliet darbiet fil-ġimgħa fil-5.00 am u fil-5.00 pm.




Id-dgħajsa tax-xogħol b'żewġt imqadef ta' Raħal Ġdid "Lady of Lourdes" bl-ekwipaġġ kompost minn Karmenu Ellul (Il-Koj) u Toni Ellul (Ibnu) tidher dieħla fl-ewwel post fl-1955. Din il-koppja reġgħet rebħet dan il-palju fl-1956 u fl-1957 f'isem dan id-distrett

"Dak iż-żmien ma konniex nagħmlu xhur nitħarrġu. Il-Marsa kienu jibdew fit-18 ta' Awwissu, il-Birgu wara l-10 ta' Awwissu u aħna fit-18 ta' Awwissu wkoll.

"F'Marsamxett kienu jġerru l-Giggijiet tas-suldati mill-Fortina sal-Gardjola tal-Excelsior, u aħna konna nieħdu l-istess triq. Peress li Marsamxett baħar miftuħ, meta l-baħar ma kienx ikun galbu, konna nitħarrġu mill-Imsida sa ta' Xbiex.

"fis-snin 70 kellna sapport kbir u kellna ħafna membri. Illum dawn il-membri naqsu għax għadna ma rbaħniex ix-Shield u magħhom naqsu wkoll il-qaddiefa.

"Ma nafx x'naqbad ngħid, iż-żgħażagħ tal-lum, l-aktar dawk tax-xaqliba tagħna għandhom fejn jimirħu u ftit li xejn jagħtu każ ir-Regatta.

"Il-Kottonera differenti!. Minħabba f'hekk aħna ma nistgħux ikollna qaddiefa bħal ma għandhom Bormla, l-Isla u l-Birgu, u n-nuqqas tar-rebħ tax-Shield kompliet tnaffar liż-żgħażagħ milli jipparteċipaw fit-tiġrija.

"Fil-fatt, il-qaddiefa li jieħdu sehem fir-Regatta f'isem Marsamxett huma tista' tgħid kollha Beltin."

*Matul il-karriera tiegħek bħala qaddief int qdift kontra l-aqwa qaddiefa ta' distretti avversarji. Issemmili xi wħud minnhom?*

"Fi żmieni kien hemm ħafna qaddiefa, kollha barklori u nies ta' saħħa kbira. Kienu qaddiefa ta' veru … nibda b'Ġorġ il-Bubbli John, Lewis Mallia, Leli n-Nanna Klara, Salvu l-Pasalv, Toni l-Koj li qdift kontra tiegħu wkoll, Leli Grima, Is-Seahorse u Spiru tas-Silġ, il-Bakkus, il-Pickles, Indri (id-Daqni), it-Torta u ħafna oħrajn. Sfortunatament il-qaddiefa tal-lum m'għandhomx dik l-imħabba bħalma kellna aħna … l-ewwel pajjiżna.

"Jien tgħidx kemm domt naħsibha qabel ma mort naqdef mal-Marsa … kien żmien meta aħna lanqas biss konna għadna ffurmajna d-distrett.

"Illum ma jagħtux każ ... illum tarahom jaqdfu ma' distrett u sena oħra ma' distrett ieħor… il-premju tal-palju fi żmienni kien ta' Lm5, u dan kien jinqasam bejn erba' qaddiefa … illum il-premju huwa mijiet ta' Liri."

Personaġġ ieħor (Senglean) li ħadem kemm felaħ biex id-distrett tiegħu jerġa' jikseb il-glorja li kien igawdi fis-snin 50 u 60 u mill-ġdid jerġa' jirbaħ l-Aggregate Shield (l-akbar unur tar-Regatta Nazzjonali ) kien France Dingli.

Minbarra li kien president tal-club Regatta tal-Isla, France kien ukoll membru attiv fl-Għaqda Regatta ta' Settembru u Qdif ieħor, fiż-żmien Matty Grima, Kieli Degiorgio u Anton Cassar.

Lil France kont nafu tajjeb, tkellimna bosta drabi u ddiskuttejna diversi punti relatati mar-Regatta u l-organizzazzjoni tagħha.

Ċħala president tal-club Senglean, France fis-snin 70 ta diversi intervisti lill-ġurnalisti dwar il-club tiegħu u l-preparazzjoni li ta' kull sena kienu jiħejju għar-Regatta Nazzjonali.

Fil-kitba tiegħi dwar France Dingli, jien se nislet xi partijiet kemm min-noti li għandi dwar dak li tkellimna bejnietna, kif ukoll xi silta nteressanti li saret lilu minn ġurnalista:

*France, x'tista' tgħidli dwar sehem l-Isla fir-Regatta Nazzjonali wara l-gwerra?*

"Konna qawwa kbira, u li kieku fl-aħħar tas-snin 50 u l-bidu snin 60 ma kienx hemm il-bojkott mill-Partit Laburista, kieku l-Isla kienet tibqa' għaddejja bir-rebħ tax-Shield.

"B'hekk ma rridx inneħħi mill-mertu tal-qaddiefa tal-Marsa, tal-Birgu u tal-Kalkara.

"Qed ngħid hekk, għax matul dan il-perjodu ta' snin l-Isla kienet armata tajjeb b'qaddiefa li qadfu fl-opri tagħha qabel il-gwerra, u kienet armata kemm fl-opri l-kbar kif ukoll iż-żgħar.

"Fil-fatt, l-Isla bejn l-1955 u l-1966 rebħet l-Aggregate Shield seba' darbiet u anke l-Aggregate Cup…meta rtiraw il-barklori aħna bdejna narmaw bit-tfal tal-Isla … nittama li ma ndumux ma nerġgħu nirbħu x-Shield."

*Minkejja li l-Isla issa ilha snin ma tirbaħ ix-Shield u ħafna mill-qaddiefa li għandkom m'għandhomx esperjenza kbira fil-kanal, b'danakollu, f'kull edizzjoni rnexxielhom tirbħu xi paljijiet …int mhux kuntent b'dan is-suċċess?*

"Kuntent ħafna… aħna għandna taħlita ta' qaddiefa u nittama li f'qasir żmien nirbħu x-Shield.

"Jien dejjem sħaqt li narmaw l-opri tagħna b'qaddiefa mil-lokal għax jien nemmen ħafna fit-tfal tagħna, li minkejja l-ħafna argumenti li ta' spiss jinqala' bejniethom, waqt ir-Regatta jinsew kollox u jaqdfu għall-Isla.

"Fiż-żmien li jien kont nokkupa l-kariga ta' president tal-Club tar-Regatta, id-distrett tagħna kien armat b'qaddiefa żgħażagħ entużjasti."

"Ħafna minn dawn l-ekwipaġġi diġà kisbu suċċessi f'diversi tiġrijiet, u jien qed nittama li f'qasir żmien nerġgħu nirbħu x-'Shield'.

"Kif taf, il-ħidma ta' president f'kull club tar-Regatta hi li jmexxi il-kumitat, isolvi kull problema li tinqala' u jara li jseħħ l-għaqda fost il-membri tal-Club."

*Bħala membru tal-Kummissjoni Regatta … x'nhu x-xogħol tiegħek f'din il-kummissjoni?*

"Bħala membru tal-kummissjoni tal-Gvern dwar it-tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Portijiet tagħna, barra li rrid nattendi l-laqgħat kollha li jsiru, irrid ukoll nissuġġerixxi u nagħti l-pariri tiegħi għal titjib fl-organizzazzjoni, inwassal l-ilmenti tal-kumitati distrettwali u nissottometti talbiet tar-Regatta Association …"